MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1239/1994/2

Avukat Dottor Philip Manduca bhala mandatarju specjali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Thos. C. Smith Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta` estera L'Union Des Assurances De Paris, kif surrogat fid-drittijiet ta' Los Tres Amigos Limited
vs
Alfred Vassallo, Charles Vassallo u l-Perit Anthony Fenech Vella

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Settembru 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi fit-13 ta' Ottubru 1992 l-konvenuti Alfred Vassallo u Charles Vassallo kienu qeghdin jaghmlu xoghol taht id-direzzjoni tal-konvenut l-iehor il-perit Anthony Fenech

Vella fil-propjeta ta’ Paul Camilleri vicin propjeta tal-assikurat tal-attur nomine;

Illi b’rizultat tan-negligenza tal-konvenuti jew min minnhom dahhal hafna ilma fil-propjeta tal-assikurat tal attur nomine (survey report Dok A u rapport tal-Pulizija Dok B);

Illi l-attur nomine hallas l-ammont ta’elf sitt mija u erbatax il-lira Maltin u sittin centezmu (Lm1614.60) ghad danni inkorsi mill-assikurat tieghu skond il-polza tal-assikurazzjoni u gie surrogat fid-drittijiet tieghu skond il-ligi;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati sabiex jersqu ghal hlas tad-danni kagjonati minnhom izda baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn;

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni fuq imsemmija billi b’rizultat tan-negligenza taghhom dahal hafna ilma fil-propjeta` tal-assikurat tal-attur nomine,

2. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex ihallsu l-ammont ta’ Lm1614.60 liema ammont thallas mill-attur nomine lill-assikurat tieghu skond il-polza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 26 ta’ Jannar 1994 u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-surroga.

Il-konvenuti jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Alfred u Charles Vassallo fejn qalu:

Illi t-talbiet attrici, kwantu diretti kontra taghhom, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-eccipjenti m’humiex il-legittimi kontradditturi tal-pretensjonijiet attrici, u ghalhekk, huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez tal-attur nomine;

Illi, fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, kull xoghol maghmul mill-eccipjenti fil-propjeta ta’ Paul Camilleri, sar kollu taht is-supervizjoni u skond l-istruzzjonijiet ta’ perit tekniku kompetenti nkarigat mill-progett;

Salvi eccezzjonijiet ohrajn;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Anthony Fenech Vella fejn qal:

Illi it-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-akkadut, jew b’xi mod ikkommetta xi att ta’ negligenza.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Jannar 1995 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Rene` Buttigieg bhala perit tekniku biex jaccedi fuq il-post u jikkonstata fattwalment id-danni rekamati mill-attur u l-kawza taghhom u ghal dan il-fini gie awtorizzat li jisma' l-provi;

Rat id-digriet tal-21 ta' April 1999 li permezz tieghu l-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn qalu:

Illi l-azzjoni attrici, kwantu msejsa fuq il-polza ta’ assikurazzjoni u s-surroga tal-attur nomine fil-jeddijiet tal-assikurat, hija irrita w infondata, billi l-istess polza ta’ assikurazzjoni kienet espressament teskludi r-risarciment lill-assikurat tad-danni li dwarhom saret il-kawza, u dan kif jirrizulta mill-istess Polza esebita mis-socjeta’ attrici fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata biss ghan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li qeghdin isostnu l-infondatezza tal-kawza peress li l-polza ta' assikurazzjoni bejn is-socjeta` assikuratrici attrici u s-socjeta` assikurata maghha Los Tres Amigos Limited kienet teskludi r-rizarciment lis-socjeta` assikurata tad-danni li dwarhom giet proposta din il-kawza. Saret riferenza specifika ghall-kawzola ittra "F" intestata "STORM TEMPEST AND FLOOD AND BURSTING OR OVERFLOWING OF WATER TANKS APPARATUS AND/OR PIPES" li tipprovdi *inter alia*:

*"Flood for the purpose of this extension shall mean the overflowing or deviation from their normal channels of either natural or artificial water courses, bursting or overflowing of public water mains and any other flow or accumulation of water originating from outside the building insured or containing the property insured but excluding loss of damage by flood occasioned by earthquake or volcanic eruption.*

*PROVIDED that the Insurance by this Extension F does not cover*
*…*
*(d) Property in basements or semi-basements or in the open*
*….*
*WARRANTED that all stocks insured by the within policy are kept 10cm off the ground.*"

Il-konvenuti jsostnu li mill-provi jirrizulta li f'dan il-kaz kien hemm allagament fil-livell ta' *basement* tal-fond assikurat maghruf bhala "Rock Café`" u kwazi l-affarijiet kollha li sofrew xi hsara kienu jinsabu ma' l-art. L-attur nomine pero` jsostni li l-allagament kien fid-*dance floor* li bhala fatt jinsab taht l-art izda li meta l-partijiet fil-polza semmew il-*basement* ma kinux qeghdin jirreferu ghall-parti tal-fond

assikurat li huwa uzat bhala diskoteka u ghall-oggetti li jinsabu f'dik l-areja. Barra minn hekk, l-i*speakers*, *Hi Fi Equipment*, *wood panelling* u tapiti ma jistghux jitqiesu bhala *"stocks"*.

Li l-allagament sar fil-livell ta' *basement* jirrizulta ampjament mill-provi prodotti. Hekk, il-Perit Austin Attard Montalto li gie nkarigat mis-socjeta` assikuratrici attrici biex jispezzjona l-fond wara li dahal l-ilma, xehed fis-seduta peritali tat-12 ta' Lulju 1995 li r- Rock Café, "oltre ghal-lokal fil-pjanterran kellu wkoll il-*basement*, li skond it-tracci kien inonda xi sitt pulzieri gholi fih". Andrew Pizzuto, impjegat mas-socjeta` attrici, xehed fis-seduta peritali ta' l-24 ta' Novembru 1995 li meta mar fuq il-post ra "li l-ilma kien tela' zewg piedi mill-marki tal-hitan billi l-art tad-*dance floor* kien zewg piedi aktar baxx mill-*bar area* ta' madwaru". Paul Camilleri, li xehed fis-seduta peritali tat-3 ta' April 1998, qal li kien jiggestixxi l-fond in kwistjoni fil-livell ta' pjanterran bhala Paul's Punch Bowl u fil-livell ta' kantina bhala souvenir shop u games room, u meta ghadda l-kontroll effettiv tal-fond lis-socjeta` Los Tes Amigos Limited permezz ta' konvenju, l-isem inbidel ghal Rock Café u l-kantina ssemmiet Tremors. Meta gara l-incident in kwistjoni, huwa mar jara x'kien gara u ra l-ilma "fil-kantina tar-Rock Café u cioe` fl-area tat-Tremors".

Fin-nota responsiva tieghu, l-attur nomine jghid *inter alia* li "polza ta' assikurazzjoni huwa bbazat fuq utmost good faith" u li "meta l-partijiet ghall-polza tal-assikurazzjoni dahlu fil-kuntratt bejniethom certament ma kinux qeghdin jeskludu d-disco. L-assikurat ried jipprotegi l-interess tieghu fid-disco u fl-equipment ta' l-istess. Meta ghamlu riferenza ghal *basement* jew *semi-basement* ma kinux qeghdin jirreferu ghad-*dancing area* u l-oggetti go fiha". Il-Qorti ma tistax ma tikkondividix dawn is-sottomissjonijiet.

Huwa evidenti li meta nharget il-polza ta' l-assikurazzjoni, din kienet intiza biex tkopri l-fond kollu in kwistjoni. Fl-iskeda annessa mal-polza ta' l-assikurazzjoni u li tiddefinixxi l-valuri assikurati, il-fond huwa fil-fatt deskritt bhala "Nightclub" u fost l-affarijiet assikurati hemm il-"Hi-Fi and Disco Equipment" li huma elementi essenzjali ghal

fond gestit bhala "night club". Il-Perit Attard Montalto, fir-rapport tieghu lis-socjeta` assikuratrici (Dok. AAM) ighid li huwa spezzjona *"the basement of this café where there is a dancing pit and night club with two bars at the level of about eight feet below the road"* u aktar tard fl-istess rapport jirreferi ghal *"most of the floor of the night club (Rock Café) at basement level"*. Jigifieri meta s-socjeta` assikuratrici kienet qed tassikura l-fond in kwistjoni, hija kienet zgur qed tassikura dawk il-partijiet kollha uzati bhala "night club", u l-kontenut taghhom, u li allura jinkludi l-areja tad-*"dance floor"*. Dan huwa l-uniku mod kif setghet tigi interpretata l-polza relattiva.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------